Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Ir-Repubblika ta' Malta
[Av. Danika M. Vella]
[Spettur Daryl Borg]

vs

-Omissis-

**Kumpilazzjoni Numru: 546/2023**

**Illum, erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità numru -Omissis- akkuzat talli gewwa -Omissis- u/jew fi

bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, nhar il-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) bejn is-siegha (01:00am) u t-tlieta (03:00am) ta' filghodu:

1. **Wettaq atti ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fihom innifishom, ma jikkostitwixxux wiehed mid-delitti ikkunsmati jew attentati, imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema delitt sar fuq persuna li hija minuri u cioè fuq -Omissis- imwielda nhar it- -Omissis-;**

   *Artikoli 207; 202 (g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. **Fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li jaghti fastidju lil persuna ohra u cioè lil -Omissis-, jew gab ruhu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal din il persuna, jew issoggetta lil -Omissis- ghal xi att ta' intimità fizika, jew issoggetta lil -Omissis- ghal xi att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi, u jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att,**

kliem u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u kienu jistghu ragjonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degredanti u, jew intimidatorji lejha, liema delitt twettaq fuq minuri u cioè fuq -Omissis-, imwielda nhar it--Omissis-;

*Art. 202 (g), Art. 251A (1)(a)(b)(c)(e), 251H(d), Art. 251HA tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawza u f'kaz ta' htija ai termini tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta favur -Omissis-;

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tigi registrata ai termini tal-Artikolu 6 (2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn hu wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disgha (9) ta' Settembru, 2024 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 202 (g), 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 202 (g), 251A (1)(a)(b)(c)(e), 251H (d), 251HA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 17, 31, 383, 384, 385, 412C, 412D u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 6 (2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Semghet it-trazzjoni tal-partijiet fis-seduta datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena 2025.

## Ikkunsidrat

Illi xehed l-Ispettur Daryl Borg li pprezenta l-istqarrija tal-akkuzat, rapport, fedina penali tal-akkuzat, kopja tal-passaport tal-akkuzat kif ukoll ittra bid-drittijiet. Jghid li kmieni filghodu fil-hmistax (15) ta' Lulju 2023 gie infurmat minn PS 1049 William Grech li kienet accediet gewwa l-Ghassa l-vittma minuri -Omissis- u allegat li kienet qieghda gewwa r-residenza tal-akkuzat -Omissis- u cioè -Omissis-. Jghid li hi stqarrret li l-akkuzat kien messilha l-parti privata taghha kif ukoll biesha fuq xufftejha. Jghid li hu informa lis-Surgent tal-Ghassa sabiex imur fir-residenza u jwettaq arrest fil-konfront tal-akkuzat sakemm isehhu l-investigazzjonijiet necessarji. Jixhed li hu informa lill-Magistrat Inkwerenti ta' dakinhar bl-arrest u cioè lill-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras. Jghid li iktar tard filghodu hu baghat ghall-vittma minuri flimkien mal-genituri taghha sabiex terga' tghid il-verzjoni ta' x'kien gara. Jixhed li qaltlu li dak il-lejl kienet qieghda tahdem gewwa "-Omissis-" li jinsab fi -Omissis-. Jghid li stqarret mieghu li ghas-

siegha ta' filghodu l-akkuzat kien ghamel kuntatt maghha sabiex tmur fir-residenza tieghu sabiex jitkellmu fuq diskrepanzi fil-flus prezenti fir-registru tan-negozju. Izid jghid li l-vittma minuri kompliet tistqarr li l-akkuzat kien offrielha sigarett u saqsiha jekk hi tigbidx u hi rrifjutat stante li hija minorenni. Jghid li l-vittma minuri kienet qieghda thossha skomda gor-residenza stante li l-akkuzat kien qieghed jipprova jgeghelha taghmel affarijiet li ma xtaqitx taghmel.

Ikompli jixhed li hekk kif kienet ser titlaq biex taqbad Bolt u tmur lejn Hal Qormi sabiex tiltaqa' mal-genituri u ma' shabha, l-akkuzat nizel it-tarag maghha sabiex iwassalha sal-bieb fejn hemmhekk biesha fuq xufftejha u qabdilha l-parti privata minn fuq il-hwejjeg. Jghid li l-vittma minuri nhasdet u telqet bil-Bolt. Jghid li iktar tard wettqet rapport. Jixhed li wara li kellem lill-vittma minuri hu kellem lill-akkuzat wara li tah id-drittijiet tieghu skont il-ligi. Jghid li fil-fatt l-akkuzat kien kellem lill-avukat Dr Marion Camilleri. Jikkonferma l-firma tieghu fuq l-istqarrija li tinsab a fol. 6 u 7 tal-atti processwali. Jghid li filwaqt li l-akkuzat ammetta li l-vittma minuri u kollega taghha kienu fir-residenza tieghu hu nnega ghal

kollox li hu kien messilha l-parti privata taghha u li kien biesha fuq xufftejha.

Inkontroezami jixhed li hu ma kienx prezenti meta l-vittma minuri wettqet ir-rapport inizjali mas-Surgent. Jghid li mill-file ma rrizultalux li kien hemm prezenti mal-vittma minuri l-gharus taghha u cioè certu wiehed bil-laqam -Omissis-.

Illi xehed <u>**l-Ispettur Kevin Pulis**</u> li pprezenta certifikati tat-twelid tal-akkuzat u tal-vittma kif ukoll il-passaport tal-akkuzat.

Illi xehdet il-vittma minuri <u>**-Omissis-**</u> bis-sistema awdjo-viziva li kellha sittax (16)-il sena meta sehhew l-allegati reati. Tghid li hi studenta u fis-Sajf iddecidiet biex tidhol tahdem. Tixhed li fiz-zmien li sehh l-allegat reat hi kienet qieghda tahdem bhala waiter gewwa l-istabbiliment "-Omissis-". Tghid li hi kienet qieghda fuq prova u fil-fatt kienet ilha tlett (3) iljieli tahdem. Tali stabbiliment kien jinsab gewwa -Omissis- u meta saru s-siegha neqsin kwart ta' filghodu kienet qieghda taghlaq ix-xoghol flimkien mal-kollega taghha -Omissis-. Tixhed li qabel ma setghet tmur il-festa ta' -Omissis- gewwa -Omissis- huma ghoddew il-flus kontanti li kien

hemm fir-registru li ammonta ghal madwar €181.80 filwaqt li flus kreditu kien hemm l-ammont ta' €166. Tghid li xogholha kien li tahsel it-tazzi u sservi lin-nies u ghalhekk hi ma kellha x'taqsam xejn mal-flus. Tixhed li eventwalment l-akkuzat cempel lil -Omissis- u qalilhom li xtaq ikellimhom gor-residenza tieghu gewwa l-Omissis-. Tghid li meta marru s'ghand l-akkuzat kien hemm ukoll is-siehba tieghu u kif dahlu offrewlhom xorb alkoholiku. Tixhed li l-akkuzat kellimha fil-kamra tas-sodda rigward il-flus kontanti u kreditu li gabru dak il-lejl stess u hi qaltlu li hi m'ghandhiex x'taqsam mal-flus fin-negozju tieghu. Izzid tghid li wara ftit harget mill-kamra tas-sodda u hin minnhom, filwaqt li qabadha minn qaddha, hu saqsieha jekk hi tigbidx id-droga fejn wegbitu fin-negattiv. Tixhed li hi u l-akkuzat qaghdu jkellmu lil -Omissis- u lil -Omissis- fil-kamra tas-salott u mbaghad iktar tard fil-gallarija. Tghid li hin minnhom l-akkuzat offrielha sigarett normali din id-darba u hi regghet wiegbet fin-negattiv.

Tkompli tixhed li eventwalment kellha titlaq lejn il-festa u ghalhekk l-akkuzat halsilha taxi Bolt. Tghid li ghalhekk hi harget fil-komun tal-blokka u l-akkuzat nizel maghha sabiex jixghel swicc tad-

dawl. Tixhed li dak il-hin li kienet hierga fit-triq l-akkuzat hareg idejh u hi hasbet li kien ser ibusha fuq haddejha izda l-akkuzat spicca beda jbusha fuq xofftejha u sahansitra anke juza lsienu. Tixhed li dak il-hin iffrizat u kienet taht xokk filwaqt li l-akkuzat ipprova jmissilha l-parti privata taghha izda nduna li fil-fatt kienet liebsa qalziet taht id-dublett. Izzid tghid li xhin nizlet mill-Bolt cemplet lill-habib taghha certu -Omissis- u nstemghet li kienet fi stat ta' paniku u spjegatlu x'gara kif marret hdejh. Tghid li kien ghalhekk li -Omissis- heggigha sabiex imorru l-Ghassa tal-Belt dak il-hin sabiex taghmel rapport kontra l-akkuzat.

Inkontroezami tghid li d-diskors li sar bejnha u bejn l-akkuzat kien rigward kif jistghu bhala negozju jdahhlu iktar flus u mhux fuq allegat serq ta' flus. Tixhed ukoll li hin minnhom -Omissis- u -Omissis- dahlu gol-kamra tas-sodda u huma qalulha biex tibqa' fil-gallarija ghal xi raguni. Izzid tghid li fil-fatt innotat kemm lil -Omissis- kif ukoll lil -Omissis- iremblu karta ta' flus.

Illi xehdet **<u>-Omissis-</u>** li tghid li stante li tahdem gewwa l-istabbiliment "-Omissis-" hi kienet taf lill-vittma minuri -Omissis-. Tghid li fil-hmistax (15) ta' Lulju 2023 hi u l-vittma minuri kienu

qeghdin jahdmu u hi baghtet end-of-day sheet lill-akkuzat. Tixhed li l-akkuzat kien kellimha u talabha sabiex tmur s'ghandu halli jkellimha rigward xi problema tal-flus. Tghid li hi u l-vittma minuri marru fir-residenza tal-akkuzat li jinsab gewwa -Omissis- fejn kien hemm l-istess akkuzat u s-siehba tieghu -Omissis-. Tghid li l-akkuzat dahhal lill-vittma minuri gol-kamra izda mbaghad hareg mill-ewwel jghid li hu qieghed ihossu skomdu jkellimha wahedha u ghalhekk hu kellimhom fil-kamra fejn hemm is-sufan. Tghid li wara ftit qablu li kien ahjar li l-vittma minuri titlaq stante li kienet miftiehma li tiltaqa' ma' shabha fil-festa ta' Hal Qormi u tiftakar lill-akkuzat iwassalha sal-bieb ta' barra. Tghid li waqt dan kollu hi u -Omissis- qabdu sigarett.

Inkontroezami tghid li hi ilha tahdem ghall-akkuzat ghal madwar xahar u hu qatt ma taha ghajn hazina. Tikkonferma li minn mindu l-allegat incident sa dakinhar li xehdet qatt ma kkomunikat mal-vittma minuri. Tghid li l-gharus tal-vittma minuri huwa wiehed certu -Omissis- u li l-laqam tieghu huwa -Omissis-.

Illi xehdet **-Omissis-** li ghazlet li tixhed minn jeddha u tghid li dakinhar li sehh l-allegat incident hi u l-akkuzat kienu qeghdin

jaraw il-bejgh tal-istabbiliment taghhom u nnutaw certu diskrepanzi u ddecidew li jiltaqghu mal-vittma minuri u mal-kollega taghha -Omissis- gewwa r-residenza taghhom. Tghid li huma kellmuhom wahda wahda u ftit wara iddecidew sabiex jordnaw taxi tal-Bolt ghall-vittma minuri sabiex tkun tista' tmur Hal Qormi. Tghid li l-akkuzat kien wassalha sal-entrata ta' barra stante li s-swicc tad-dawl kien naqa' difettuz. Tghid li fis-saghtejn ta' filghodu rceviet telefonata u kien l-gharus tal-vittma minuri li beda jheddidha li nezlin il-Belt ghalihom. Tghid li waqt li kienu ghandhom kemm il-vittma minuri kif ukoll -Omissis- kienu flimkien maghhom ghajr ghal meta kellha titlaq il-vittma minuri. Tippreciza li kien hemm mument meta l-akkuzat kien ser ikellem lill-vittma minuri fil-kamra tas-sodda izda l-akkuzat dar fil-pront u qal li ma kienx qieghed ihossu komdu jkellimha wahdu u ghalhekk dahlet hi ukoll. Tixhed li l-vittma minuri kienet hadmet madwar tliet (3) darbiet. Tixhed li l-vittma minuri kienet tahdem bhala waitress u ma kellha x'taqsam xejn mal-aspett finanzjarju tan-negozju. Tghid li minkejja dan xorta wahda kellhom bzonn ikellmuha stante li meta jkunu qeghdin jaghlqu r-registru, kemm il-vittma minuri kif ukoll -Omissis- jkunu hdejn xulxin.

Tkompli tixhed li fl-istabbiliment hemm prezenti sistema ta' CCTV u hi thalli f'idejn l-akkuzat f'dak l-aspett. Tikkonferma li setghu jivverifikaw jekk kienx minnu li l-vittma minuri jew -Omissis- mmanipulaw il-bejgh tal-istabbiliment. Tixhed li kien hemm mument minnhom fejn hi, l-akkuzat, il-vittma minuri u -Omissis- hargu kollha fil-gallarija jpejpu.

Illi xehed <u>PC 738 Albert Polidano</u> li jghid li hu kien wassal lis-surgent u lill-kuntistabbli 1253 lejn ir-residenza tal-akkuzat gewwa -Omissis- gewwa l-Omissis-. Jixhed li dan sehh fil-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena 2023. Jixhed li kien hu x-xufier li wassal lill-akkuzat -Omissis-, lill-kuntistabbli u lis-surgent lura l-Ghassa.

Illi xehed <u>PC 1253 Ian Schembri</u> li jghid li fil-hmistax (15) ta' Lulju 2023 kien night watch gewwa l-Ghassa tal-Belt Valletta meta fis-saghtejn ta' filghodu dahlet il-vittma minuri -Omissis- sabiex taghmel rapport kontra l-principal taghha stante li kien wettaq atti sesswali fuqha. Jixhed li hu eventwalment kellem lis-surgent PS 1049 li ha l-istqarrija tal-istess vittma minuri fejn hemmhekk saru jafu li l-principal taghha huwa l-akkuzat -Omissis-. Jghid li ghalhekk huma accedew gewwa r-residenza tal-akkuzat gewwa -

Omissis-. Jghid li hemmhekk sar l-arrest tieghu filwaqt li s-surgent li kien mieghu tah id-drittijiet skont il-ligi fosthom id-dritt tal-assistenza legali kif ukoll tas-silenzju. Jghid li hu assista lis-surgent sabiex jiehdu lill-akkuzat gewwa l-Lock Up.

Inkontroezami jghid li l-vittma minuri kienet giet l-Ghassa flimkien ma' xi hbieb u cioè tfajla u zewg (2) guvintur.

Illi xehed <u>**PS 1049 William Grech**</u> li jghid li fil-hmistax (15) ta' Lulju 2023 fis-saghtejn ta' filghodu gewwa l-Ghassa tal-Belt Valletta giet certu -Omissis- li stqarret li ghall-habta tas-siegha u s-siegha u nofs ta' filghodu ta' dakinhar kienet qieghda tahdem gewwa l-istabbiliment "-Omissis-" gewwa -Omissis- u s-sid tal-istess stabbiliment u cioè l-akkuzat -Omissis- qalilha kif ukoll lill-kollega taghha sabiex jigu ghandu stante li kien hemm xi diskrepanzi fil-flus. Jghid li l-vittma minuri u l-kollega taghha marru gol-fond -Omissis-. Jixhed li l-vittma minuri stqarret li meta kienet fir-residenza tal-akkuzat, l-istess akkuzat qabadha minn qaddha u saqsiha jekk hi tigbidx. Jghid li wara li sehhet il-laqgha fuq id-diskrepanza tal-flus il-vittma minuri u l-akkuzat kienu ser jitilqu mir-residenza u hekk kif kienet se titlaq il-vittma minuri l-

akkuzat hadilha b'idha u pprova jwettaq att indicenti stante li pprova jmissilha l-parti privata taghha izda xhin induna li l-vittma minuri kienet liebsa shorts u mhux dublett huwa waqaf. Jghid li hu cempel lill-Ispettur tal-Ghassa u cioè l-Ispettur Daryl Borg u infurmah b'din is-sitwazzjoni u hu min-naha tieghu tah ordni sabiex jipprocedi fl-indirizz tal-akkuzat sabiex jigi arrestat.

Ikompli jghid li fit-tlieta u tmintax-il minuta ta' filghodu hu mar fuq il-post flimkien ma' PC 738 u PC 1253 fejn informaw lill-akkuzat li jinsab taht arrest fuq akkuzi ta' att sesswali minghajr kunsens filwaqt li anke tah id-drittijiet tieghu skont il-ligi. Jixhed li l-akkuzat ittiehed l-Ghassa tal-Belt Valletta u eventwalment gie skortat gewwa l-Lock-Up tad-Depot. Jixhed li l-vittma minuri stqarret maghhom li meta l-akkuzat staqsieha jekk tigbidx hi fehmet ghal xi att sesswali. Jikkonferma l-involviment tieghu fuq ir-rapport a fol. 9 tal-atti processwali.

Illi xehed <u>PC 618 Carl Mifsud</u> li jghid li hu kien xhud tal-istqarrija tal-akkuzat -Omissis-. Jikkonferma l-firma tieghu fuq l-istqarrija a fol. 7 tal-atti processwali li ghalih kienu prezenti l-akkuzat u l-Ispettur Daryl Borg. Jixhed li l-akkuzat kien inghata d-dritt ghall-

assistenza legali u fil-fatt kien ikkomunika mal-avukat Dr Marion Camilleri.

Illli xehed **PC 1298 Leon Nelson** li jghid li kkonferma d-dokument immarkat bhala Dok. DB2 a fol. 2 tal-atti processwali.

Illi xehed **-Omissis-** li jghid li l-allegat incident sehh fis-sajf tas-sena 2023. Jghid li l-vittma minuri kienet l-gharusa tieghu dak iz-zmien u kienet tahdem go stabbiliment gewwa l--Omissis-. Jixhed li meta kienet lesta mix-xoghol kien kmieni filghodu u kienet se tipprepara sabiex tinzel il-festa ta' Hal Qormi u cioè fejn kien qieghed hu. Izid jghid li wara xi nofs siegha cempel lill-vittma minuri sabiex jara jekk kinitx fi stat tajjeb izda beda jismaghha tibki stante li kienet fi stat panikuz. Jghid li meta giet sa hdejh il-vittma minuri rrakkontatlu dak kollu li allegatament kien gara. Jghid li stqarret mieghu li kien mar fuqha l-principal sabiex ikellimha dwar xi diskrepanzi fil-flus li kien hemm gor-registru u tali diskussjoni sehhet f'xi kamra fuq li qieghda gor-residenza tieghu gewwa l--Omissis-. Jghid li waqt li kienu hemmhekk l-akkuzat ipprova jabbuzaha billi jmiss il-parti privata taghha. Jghid li l-vittma minuri qaltlu li dak il-hin kienet taht xokk u li tali abbuz

sehh billi rassha mal-hajt. Jixhed li hekk kif qaltlu dan kollu hu ssuggerixxa li jmorru jaghmlu rapport l-Ghassa tal-Belt immedjatament. Jikkonferma li hu kien mar mal-vittma minuri flimkien m'ohtha u habib iehor.

Illi xehdet <u>**-Omissis-**</u> li hija oht il-vittma minuri u li ghandha erbatax (14)-il sena. Tghid li l-allegat reat sehh f'Lulju tas-sena 2023 fiz-zmien il-festa ta' -Omissis-. Izzid tghid li dakinhar ohtha kienet xoghol go "-Omissis-" gewwa l--Omissis-. Tghid li wara x-xoghol ohtha kellha tbiddel il-hwejjeg u tibqa' sejra sal-festa ta' -Omissis- sabiex tiltaqa' maghhom. Tixhed li hi kienet qieghda l-festa flimkien mal-gharus tal-vittma minuri certu -Omissis- u habib iehor bl-isem ta' -Omissis-. Izzid tghid li dakinhar f'nofsillejl hi cemplet lill-vittma minuri sabiex tkun taf fi x'hin kienet ser tlesti mix-xoghol. Tghid li regghet kellmet lill-vittma minuri nofs siegha wara u kienet qaltilha li ser ikollha tmur fir-residenza tal-principal -Omissis- stante li kien hemm problema ta' flus. Tikkonfema li kien hemm persuna ohra li marret m'ohtha bl-isem ta' -Omissis-. Tghid li l-principal kien jghix il--Omissis- stess. Tghid li hi regghet cemplet lill-vittma minuri stante li ndunat li kienet qieghda ddum biex tigi u fil-fatt bdiet tismaghha tibki u kif waslet hdejha

spjegatilha li kienet marret fir-residenza tal-principal u beda jkellimha fil-kamra tas-sodda tieghu rigward in-nuqqas ta' flus fir-registru tal-flus. Tghid li waqt li kienet hemm il-principal kien taha xorb alkoholiku u hekk kif kienet ser titlaq l-istess principal beda jbusha u pprova jmissilha l-parti privata taghha. Tixhed li l-vittma minuri spjegat li l-principal ma rnexxielux imissha stante li hi kienet liebsa shorts taht id-dublett. Izzid tghid li stante li l-istess principal kien ordnalha taxi hi telqet mir-residenza. Tghid li hi u tirrakkonta dan kollu, ohtha kienet fi stat panikuz u ta' biza'. Tkompli tixhed li l-gharus t'ohtha heggigha biex tmur taghmel rapport u fil-fatt hekk ghamlet meta marret l-Ghassa tal-Belt immedjatament.

Inkontroezami tghid li l-gharus t'ohtha huwa wiehed certu -Omissis- u l-laqam tieghu huwa -Omissis-. Tikkonferma li meta ohtha marret taghmel rapport gewwa l-Ghassa l-istess gharus kien maghha u ma kienx irrabbjat maghha izda kien irrabbjat lejn il-principal t'ohtha. Tikkonferma li dakinhar tal-incident kien hemm il-mara tal-principal, ohtha u l-kollega t'ohtha.

Illi xehdet <u>l-Ufficjal tal-Probation Marilyn Formosa</u> li kienet giet inkarigata minn din il-Qorti fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena 2024 sabiex thejji Social Inquiry Report mitlub mid-difiza. Tali rapport gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. MF1. Tghid li hi kkonkludiet li hemm certi aspetti fil-hajja tal-akkuzat li huma stabbli fejn hu ghandu rutina tax-xoghol kif ukoll sapport mill-familja. Tixhed li però li l-akkuzat ghandu bzonn jahdem fuq l-uzu tieghu tal-kokaina stante li ilu ghaddej b'tali uzu ghal numru ta' snin u qatt ma indirizza din il-problema.

Illi xehed minn jeddu l-akkuzat **<u>-Omissis-</u>** li jghid li huwa s-sid tal-istabbiliment "-Omissis-" li jinsab gewwa -Omissis- u ilu hames (5) snin f'dan ix-xoghol. Jghid li hu kien impjega lill-vittma minuri bhala runner u cioè sabiex tigbor l-affarijiet minn fuq l-imwejjed kif ukoll tigbor il-kontijiet. Jghid li dakinhar li sehh l-allegat incident hu kien qieghed isegwi n-negozju tieghu mill-kameras li huma abbinati mac-cellulari tieghu u seta' jinnota lill-vittma minuri tigbor il-flus minn fuq mejda u zammithom gol-but lejl shih. Jghid li dak il-lejl ircieva minghand il-kollega tal-vittma minuri li l-flus li ghamlu fil-bejgh kien jammonta ghal €180. Jixhed li stante li hass li kien ammont baxx hu baghat ghalihom sar-

residenza tieghu sabiex ikellimhom. Il-pjan kien sabiex is-siehba tieghu -Omissis- tkellem lil wahda u hu lill-ohra sabiex jaraw jekk humiex jaqblu fid-diskors. Jixhed li hekk kif dahhal lill-vittma minuri fil-kamra tas-sodda stante li kien hemm l-arja kkondizzjonata hu hassu skomdu u b'hekk iddecidew biex ikellmu lill-vittma minuri u lil -Omissis- f'daqqa. Jghid li hu u martu offrewlhom xorb u qalulhom biex imorru lura d-dar. Jghid li d-diskursata mal-vittma minuri kienet rigward il-flus li zammet fil-but taghha. Jixhed ukoll li ghal dan il-kumment il-vittma minuri kienet irrabjata hafna. Jixhed li meta mar iwassalha sal-bieb ta' barra tal-komun hu qalilha sabiex ma tergax tigi tahdem gol-hanut u l-vittma minuri iktar irrabjat. Izid jghid li fis-saghtejn u nofs ta' filghodu rceviet telefonata minn wiehed bil-laqam -Omissis- li beda jidghilu u jheddu. Jixhed li minn hemm spicca mill-Ghassa ghad-Depot tal-Floriana u mbaghad arrestat gol-habs. Jikkonferma li s-siehba tieghu setghet tarah mis-sular tal-appartament waqt li hu kien qieghed fil-pjan terran hdejn il-bieb ta' barra.

Inkontroezami jghid li huwa normali li l-haddiema tieghu jgibulu affarijiet bhal flus fir-residenza tieghu. Jghid li huwa normali li

jkellem lill-impjegati tieghu fil-kamra tas-sodda meta jkun hemm bzonn u dan minhabba l-fatt li hija l-unika kamra li ghandha l-arja kkundizzjonata. Jikkonferma li r-responsabilità tal-flus fl-istabbiliment kienet fuq -Omissis- u mhux fuq il-vittma minuri. Jikkonferma li hu offra drink alkoholiku lill-vittma minuri. Jghid li nizel hu mal-vittma minuri sal-bieb ta' barra stante li s-siehba tieghu tbati b'saqajha. Jghid li hu qal lill-vittma minuri sabiex ma tergax tidhol xoghol meta kien isfel maghha sabiex ma jgeghilhiex tisthi quddiem in-nies l-ohra.

Illi regghet xehdet **-Omissis-** riprodotta mid-difiza li tghid li hi ilha f'relazzjoni intima mal-akkuzat ghal madwar tliet (3) snin. Tixhed li l-akkuzat huwa ragel tal-familja u jahseb fil-bzonnijiet ta' kulhadd. Tixhed li dakinhar li sehh l-allegat incident hi u l-akkuzat baghtu ghall-vittma minuri u -Omissis- sabiex jiffaccjawhom rigward xi flus li setghu kienu nieqsa mir-registru tal-istabbiliment. Tghid li hi mhux dejjem tara s-sistema tas-CCTV. Tghid li fir-residenza taghhom huma qaghdu kemm mal-vittma minuri kif ukoll ma' -Omissis- u qaghdu jfiehmuhom dwar kif ghandhom jaghlqu r-registru tal-flus. Tixhed li fil-fatt l-akkuzat kien qabad wahda minnhom iddahhal xi flus gol-but. Tghid li f'hin

minnhom l-akkuzat kien ser ikellem lill-vittma minuri wahedha izda mill-ewwel qalilha li mhux qed ihossu komdu wahdu maghha u talabha biex tidhol mieghu. Tghid li hi u -Omissis- kienu fil-komun sakemm l-akkuzat nizzel lill-vittma minuri hdejn l-entrata tal-blokka. Tixhed li dak il-hin kien skiet perfett u wiehed seta' jisma' kollox. Izzid tghid li l-akkuzat bilkemm dam minuta sakemm wassalha sal-entrata. Tkompli tghid li iktar tard irceviet telefonata minghand l-gharus tal-vittma minuri. Tghid li tali gharus instema' rrabjat tant li kien qieghed jghajjarha u jheddidha. Tixhed li hu akkuzaha talli l-akkuzat mess lill-gharusa tieghu b'mod indicenti.

Inkontroezami tghid li huwa rari li jkollhom laqghat mal-impjegati gewwa r-residenza taghhom izda iktar isiru l-hanut dawn it-tip ta' laqghat. Tikkonferma li meta waslu d-dar hi u l-akkuzat offrew xorb alkoholiku kemm lill-vittma minuri kif ukoll lil -Omissis-. Tichad li hi u -Omissis- kienu qeghdin jiehdu d-drogi f'xi hin. Tikkonferma li l-akkuzat offra li jnizzel lill-vittma minuri hu sabiex hi ma toqghodx tinzel u titla' stante ugigh li kellha f'saqajha. Tghid li sakemm l-akkuzat nizzel lill-vittma minuri hdejn l-entrata ma ntqal xejn.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' atti ta' natura sesswali minghajr kunsens ma' persuna minorenni kif sancit mill-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali:

> *"Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin:*
>
> *Izda fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tizdied bi grad."*

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibbilità tal-minuri -Omissis- kif ikkorroborata mal-provi l-ohra mressqa mill-prosekuzzjoni. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza tali xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità taghha bhala xhud u il-veracità tat-testimonjanza taghha.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, tezisti gurisprudenza varja dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici** datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk –

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

> *"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness**.*
>
> *Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in*

*the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that***

> ***witness as incompetent***[1]*. It cannot hear him without oath (...)"*

Illi rigward il-veracità tax-xhieda tal-minuri ghandu jinghad mill-bidu, li fix-xhieda taghha, l-istess minuri kienet konsistenti ma' dak li qieghed jigi allegat tant li x-xhieda taghha giet ikkorroborata minn xhieda ohra li whud minnhom jitqiesu bhala xhieda indipendenti. Illi min-naha l-ohra l-akkuzat ghazel li jixhed minn jeddu fejn hu cahad ghal kollox li hu qatt ma bies lill-vittma minuri kif ukoll cahad li messilha l-parti privata tal-istess vittma minuri izda li tali verzjoni ma tantx kellha mis-sewwa anke jekk is-siehba tieghu ghazlet li tiehu l-pedana tax-xhieda. Sinifikanti però illi din tal-ahhar ghazlet li tixhed bhala xhud tal-prosekuzzjoni izda ghal xi raguni regghet ittellghet mid-difiza bhala xhud taghhom mill-liema verzjoni hadet id-dehra li riedet issebbah il-kaz tal-imputat.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem

[1] Emfazi tal-Qorti

taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok verzjoni ta' minorenni versu verzjoni ta' persuni ohra.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reat tal-imputat irid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha nkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his*

*favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis</u>** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettaljiipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker</u>**[2] fejn gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

[2] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

Ukoll fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorne**[3], il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

[3] QA Kriminali – deciza 9 ta' Lulju 2003

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. John Pace</u>**[4] inghad is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija millArtikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

[4] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

Illi kif digà ppuntwalizzat qieghed jigi ddikjarat li x-xhieda tal-akkuzat m'ghandhiex mis-sewwa u dan minhabba diversi inkonsistenzi li hargu mit-testimonjanza tieghu kkumparata ma' dak li xehdet is-siehba tieghu -Omissis-. Inkonsistenza lampanti li harget mix-xhieda tal-akkuzat kienet rigward kif hu wassal lill-vittma minuri sal-bieb ta' barra tal-blokka fejn sehh l-allegat reat.

Illi l-akkuzat jghid hekk a fol. 279 tal-atti processwali:

*"Xhud: … Sadanittant, sakemm inzilt nigri nixghelilha jiena nzilt daqsxejn passi qabilha, ghaddiet hi minn hdejja ghidtilha ha nghidlek -Omissis- ghidtilha l'hemmhekk ghidtilha tersaqx iktar inti, daret lejja qaltli e iva, harget bil-girja l-barra u sabtet il-bieb tal-flat u jiena tlajt nigri l'fuq."…*

Illi a kuntrarju ta' dan -Omissis- xehdet hekk a fol. 288 *et sequitur* tal-atti processwali:

*"Xhud:* *Prattikament anka labra tinstemma' fil-flat ahseb u ara.*

…

*Dr. S. Aquilina:* *U sakemm kienu isfel inti stajt tisma' xi diskursata ghaddejja bejniethom mhux necessarjament ghajjat u twerzieq anka diskursata normali? Il-kliem li ntqal iridu nkunu nafu.*

*Xhud:* *Il-kliem li ntqal biex ha nifhmu minn fuq ghal isfel, I mean."*

Illi l-istess stqarret -Omissis- meta xehdet rigward jekk kienx hemm storbju waqt li l-akkuzat kien qieghed gol-kamra wahdu mal-vittma minuri a fol. 296 tal-atti processwali:

*"Dr. S. Aquilina:* *Okay. Jigifieri f'dak il-waqt ma kienx hemm ghajjat u storbju min-naha*

*taghhom kollox kien kalm qed tghidilna.*

*Xhud:* *Le, lanqas xejn kollox kalm.*

*Dr. S. Aquilina:* *Ma kienx hemm tisbiet ta' saqajn, twerzieq, ghajjat."*

Illi ghalhekk a bazi ta' din l-inkonsistenza jirrizulta li mhux biss l-akkuzat ma kellimx lill-vittma minuri fl-entratura tal-blokka izda lanqas huwa minnu li kien hemm dizgwit drammatiku bejn l-akkuzat u l-vittma minuri. Huwa ghalhekk li l-Qorti sejra tiskarta ghalkollox dak li xehed l-akkuzat kif ukoll dak li xehdet -Omissis-. Punt iehor rilevanti hu li jekk huwa minnu kif qal l-imputat li kien irrabjat ghaz-zewg tfajliet minhabba l-kwistjoni tal-flus, huwa inverosimili li l-akkuzat jiehu l-izbriga li jinzel it-tarag sabiex jixghel id-dawl ghall-minuri minflok li jhalliha tinzel wehidha.

Illi kif digà nghad l-vittma minuri kienet konsistenti sal-icken dettall fix-xhieda taghha kif anke kkonfermata max-xhieda l-ohra li kkonfermaw il-verzjoni taghha anke wkoll kif semghuha fi stat

ta' paniku ezatt wara l-incident. Illi konsegwentement huwa l-kompitu ta' din il-Qorti sabiex tanalizza x'jikkostitwixxi bhala "att ta' natura sesswali". Referenza ghalhekk qieghda ssir ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Manweli Zahra deciza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April 2023 li tanalizza bir-reqqa l-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali:

> *"Illi dak li trid tara l-Qorti huwa jekk fl-ewwel lok kienx hemm att ta' natura sesswali li ma jammontax ghal delitt iehor attentat jew kkonsmat u li tali att sesswali sar kontra l-volonta' tal-persuna. Illi l-imputat huwa akkuzat biss b'dak li hemm taht l-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gerald Cassar** deciza 18/07/1959 dwar l-attentat vjolenti ghall-pudur fejn irretiniet hekk:*
>
> > *L-attentat vjolenti ghal pudur - il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' -jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti*

> *quegli atti impudici commessi sopra 18 altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma - 1542)" "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richiedono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato.*

*F'dan ir-rigward ukoll issir referenza ghal kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Micallef** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta' Novembru 1988. (Vol. XXXIX.iv.931)*

> *"Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar 1955, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud** (Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mil-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolenti ghall-pudur*

*huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolenti ghall-pudur (p. 933). Din il-Qorti diga` kellha l-okkazjoni li tezamina fid-dettal l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet* **The Police v. Thomas Wiffen***.*

*F'din is-sentenza kien gie spjegat, fi kliem il-gurista* **Francesco Carfora***, li:*

*"'Atti di libidine … debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine …. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attriburi loro il carattere di atti di libidine … noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere*

> *materiali e di una certa entita ` e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali' (Digesto Italiano, Vol. VIII, parte 3, p.967)*

*Dwar it-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi atti di libidine, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Thomas Wiffen*** *deciza nhar it-tmienja ta' Jannar 1996 li tghid:*

> *"Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propia consupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza' the duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act.*
>
> ***Whether there has been defilement or not, is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge, the lay judge in***

***the case of a trial by jury, the professional Magistrate or judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts[5].***"

…

*Mill-banda l-ohra, kif gie osservat fis-sentenza* ***Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud*** *(vol. XXXIX.iv.931):*

*"L-artikolu dwar l-attentat vjolent ghall-pudur kien mehtieg, ghax, jekk l-azzjoni tas-suggett attiv tkun oltraggjat il-pudur tas-suggett passiv, dan hu bizzejjed, kien x'kien il-motiv li spinga s-suggett attiv, anki jekk ma kienx fini libidinuz, imma, per ezempju, kien vendetta. Hekk kien il-kaz 'Rex vs Carmelo Delia', 2 ta' Dicembru 1901, fejn is-suggett attiv iddiporta ruhu dizonestament ma' mara, izda ghall-fini ta' vendetta; u l-Qorti qalet – 'Atteso che,*

[5] Emfazi ta' din il-Qorti

*secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali, il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca nell'oltraggio violento all'altrui pudore, per qualsiasi motivo diretto, senza che nulla influisce sulla nozione del reato la diversita` dellacausa che abbia spinto ad agire, semprecche` l'azione abbia prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui.'*

*Kif spjegat fis-sentenza* ***il-Pulizija vs Oglive Grima*** *deciza fit-30 ta Settembru, 2020 qalet hekk:*

*"din id-definizzjoni ta' atti ta' natura sesswali thaddan fiha kull forma ta' vjolenza sew morali sew fizika, sesswali u psikologika jew kull forma ta' hsara maghmula kontra persuna tas-sess femminili li tinkludi anke it-theddida ghall-istess. Dan ifisser allura illi l-appellant ma jista' qatt iqies illi l-atti impudici li dwarhom huwa gie misjub hati ma ghandhomx fihom l-element tal-vjolenza meta gew*

*kommessi fuq persuna ta' taht l-eta u cioe' tfajla ta' tlettax-il sena, meta minghajr il-kunsens tal-istess kien hemm bewsa fuq ghonq it-tfajla u tokkament tal-warrani ta'l-istess tfajla u dan kontra l-volonta taghha. Jinghad li meta l-appellat staqsa jekk setghax ibus lit-tfajla din telqet tigri tirraporta dak li kien gara lilha."*

*Dan l-agir jiftah lok il-kwistjoni tal-bacio violento kif imsemmi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* **Il-Pulizija v Spiro Silvio** *deciza fit-12 ta' Marzu 1960 fejn gie kwotat anki l-Carrara u ndirizza dan ir-reat billi jghid li wiehed ghandu necessarjament jistaqsi tlett domandi principali u jekk l-istess tlett domandi jigu risposti fil-pozittiv allura jirrizulta l-attentat vjolenti ghall-pudur. Il-Carrara jistaqsi:*

*"Vi fu violenza nell'atto?*
*Vi fu scopo di libidine?*
*Il senso morale del popolo considera quell'atto come impudico?*

*Ove ricorrono queste tre condizione, esiste il delitto di oltraggio violento al pudore. Cosi io riconosco gli elementi dell'oltraggio anche nel semplice bacio violento?" Carrara Programma Parte Speciale Vol II pg 410.*

*L-Archbold (Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017, para 14-88 pg. 923) jispjega hekk:*

*A person (A) commits an offence if—*

*(a) he intentionally touches another person (B),*

*(b) the touching is sexual, (c) B does not consent to the touching, and*

*(d) A does not reasonably believe that B consents.*

…

*L-**Archbold** jagħti spjegazzjoni dwar "touching" u l-elementi li jsawru dan ir-reat:*

*"Touching" includes touching with any part of the body, with anything else and through anything: s.79(8), ante.*

*[…]*

*In H. 2005] 2 Cr.App.R. 9, the Court of Appeal confirmed that a man who grabbed the trouser pocket of a woman and pulled her towards him shortly after asking her "Do you fancy a shag?" was guilty of an offence under s.3. A person "touched" another person if he touched the clothes that the other person was wearing. Where a touching was not inevitably "sexual", the Court stated that it was necessary to approach s.78(b) (ante at § 14-83) in two stages. First, because of its nature, might the touching be sexual? Secondly, because of its circumstances or the appellant's purpose in relation to it (or both) was the touching actually sexual?*

*Different elements of the s.3 offence require proof of different states of mind such that the offence cannot be labelled as one of either basic intent or*

*specific intent. However, the intentional touching element of the offence requires no more than basic intent so that voluntary intoxication cannot not be relied upon to negate that intent: Heard [2007] 1 Cr.App.R. 37. Pg. 923"*

Illi zgur mhux forsi li bews intimu u l-mess ta' parti privata jikkonsistu bhala atti ta' natura sesswali. Stante li l-Qorti sejra tqis li l-verzjoni tal-vittma minuri hija wahda kredibbli u ghandha mis-sewwa, sejra tinstab htija ghar-rigward l-ewwel (1) akkuza kif dedotta fil-konfront tal-akkuzat.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi reat iehor li gie akkuzat bih l-imputat huwa r-reat ta' fastidju kif mahsub fl-Artikolu 251A (1) sub-inciz (a), (b), (c) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Persuna li:*

*a) iggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra; jew*

*b) iggib ruhha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna; jew*

*c) tissoggetta lil persuna ohra ghal xi att ta' intimità fizika; jew*

*...*

*e) tissoggetta lil persuna ohra ghal xi att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolemnt jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha*

*tkun hatja ta' reat taht dan l-artikolu."*

In propositu tal-akkuzi fil-konfront tal-imputat u cioè r-reati ta' harassment jigi kkwotat l-awtur **Blackstone** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (2012 Ed.):

> *"Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and '**it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct**' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be ... so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS )."*

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-Artikolu 251C tal-Kapitolu 9 li tghid li referenzi ghall-ghoti ta' fastidju lill-persuni jinkludu meta wiehed jaghti qatgha jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra ghat-terminu generiku ta' fastidju jew "harassment".

Blackstone f'dan ir-rigward, jghid hekk:

*"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment;* ***it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability***[6]*. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30].* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment***[7]*."*

[6] Emfazi ta' din il-Qorti
[7] Emfazi ta' din il-Qorti

F’sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta’ Novembru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret:

> *“... Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- **"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",** dan l-element ta’ **ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxxena** u ta’l-agir precedenti tal-gudikabbli.”*

Imbagħad, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza deciza fil-21/06/2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**:

> *".... f’ kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista’ tispigola l-incident*

*izolat u accidentali minn **agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien.**" Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** qalet hekk inpropositu:

*"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B (1) - u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal- gudikant."*

Illi kif argumentat sew il-prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha, l-akkuzat irnexxielu jaghti fastidju lill-vittma minuri f'diversi mumenti matul il-lejl. Ir-riassunt ta' dawn il-mumenti huma meta l-akkuzat offra xorb alkoholiku lill-vittma minuri, meta offrielha d-drogi, meta qabad lill-vittma minuri minn qaddha u fl-ahhar

meta l-akkuzat issoggetta lill-vittma minuri ghal atti sesswali minghajr il-kunsens taghha.

Illi mument iehor ta' fastidju kien meta l-akkuzat dahhal lill-vittma minuri fil-kamra tas-sodda sabiex ikellimha wahedha. L-akkuzat jinsisti li dan il-mument ma damx hafna izda xorta wahda l-Qorti tinsab perplessa u hosbiena dwar l-ispjegazzjoni li ta l-akkuzat fix-xhieda tieghu rigward l-uzu ta' din il-kamra. B'kull dovut rispett il-Qorti tqis li tali laqgha ma kinitx wahda bl-intendiment li jiddiskutu dwar in-negozju izda wahda xort'ohra. Di più jekk l-akkuzat u s-siehba tieghu verament raw u susspettaw li kien sehh xi serq ta' flus kien iregi li dak il-lejl stess jaccedu fl-Ghassa tal-Belt u jwettqu rapport fil-konfront tal-vittma minuri u l-kollega taghha u dan qabel ma jlaqqawhom fl-istess bar fejn allegatament sar in-nuqqas.

Illi però dan l-agir ma jistax jaqa' fil-parametri tal-hekk imsejjah "course of conduct" sancit taht is-subinciz (a) u (b) stante li ma giex ippruvat li tali fastidju sehh fuq medda ta' zmien. Wara kollox il-vittma minuri kienet ilha taf lill-akkuzat u hadmet ghalih tlett (3) iljieli.

Illi tenut kont ta' dak li ntqal hawn fuq u tenut kont li ma gietx ippruvata a course of conduct da parti tal-imputat versu l-minuri involut, tali provvedimenti tal-ligi u cioè l-Artikolu 251A (1)(a) u (b) m'ghandhomx japplikaw.

## Ikkunsidrat

Illi rigward l-Artikolu 251A subinciz (c) u (e), dan it-tip ta' fastidju gie dibattut mill-Qorti Kriminali fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Roger Galea** (dec. 06/01/2023 per Imh E. Grima) fejn gie deciz illi dan it-tip ta' fastidju ma hemmx bzonn imgiba fastidjuza precedenti. Fil-fatt intqal:

> *"L-Ewwel Qorti, fid-decizjoni taghha kienet tal-fehma illi l-agir tal-appellat fil-konfront tal-vittma meta hija harget mill-kamra tal-banju kien meqjus bhala agir b'konnotazzjoni sesswali, liema imgieba ma kenitx mixtieqa mill-vittma u wkoll li kien wiehed offensiv, umiljanti, degradanti u intimidatorju, madanakollu qieset li din l-imgieba kienet marbuta ma' okkazjoni wahda biss u ghalhekk, b'referenza ghal gurisprudenza kopjuza dwar*

*dak li jikkostitwixxi ir-reat tal-fastidju taht l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, kkonkludiet li l-elementi tar-reat ma jissussistux u ghaldaqstant illiberat lill-appellat mill-akkuza dedotta kontrih.*

*Illi ghalkemm ir-reat li bih l-appellat jinsab mixli jinsab imhaddan fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, u cioe' ir-reat tal-fastidju, liema reat l-qrati taghna kostantement interpretawh bhala tali li jirrikjedi imgieba mifruxa fuq ghal ta' l-anqas zewg okkazjonijiet, madanakollu ir-reat ikkontemplat fis-sub-inciz (1)(e) ta' dan l-artikolu tal-ligi, kif gustament jikkonkludi l-appellant Avukat Generali, ma ihaddanx fih l-istess elementi li jiffurmaw ir-reati enkapsolati fis-sub-incizi (a) u (b) promulgati mat-twelid ta' dan ir-reat permezz ta' l-Att XX tal-2005 fejn l-att materjali tar-reat jikkonsisti fl-imgieba li timporta fastidju jew inkella kif jidher mit-test Ingliz meta l-awtur tar-reat "pursues a course of conduct which amounts to harassment". Illi l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali gie sostitwit permezz ta' l-Att XIII tal-2018 u cioe' 'l-Att biex jipprovdi sabiex l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni tal-*

*Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-glieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, isiru u jkunu ezegwibbli bhala parti mil-Ligijiet ta' Malta'. Dan l-Att kellu ukoll bhala l-ghan tieghu li jippromwovi u jipprotegi d-dritt ta' kulhadd, u partikolarment persuni f'riskju li jigu esposti ghal vjolenza domestika li jghixu hajja hielsa mill-vjolenza kemm fl-isfera pubblika kif ukoll dik privata. Din il-ligi il-gdida hasbet sabiex tipprovdi ukoll ghal emendi konsegwenzjali f'ghadd ta' ligijiet varji, fosthom allura f'uhud mid-disposizzonijiet tal-Kodici Kriminali li jkopru ir-reati b'konnotazzjonijiet ta' natura sesswali. Fil-fatt fl-Iskeda ghall-Att hemm riprodotta fl-intier taghha il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-glieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika iffirmata gewwa Istanbul, it-Turkija fil-11 ta' Mejju 2011, maghrufa komunement bhala il-Konvenzjoni ta' Istanbul, li giet minn Malta ratifikata f'Mejju tal-2014, bl-adezjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja ghal din il-Konvenzjoni isehh fid-09 ta' Gunju 2017. Il-Konvenzjoni ta' Istanbul hija l-aktar trattat internazzjonali komprensiv dwar il-glieda kontra, u l-prevenzjoni, tal-*

*vjolenza kontra in-nisa u vjolenza domestika, bit-Trattat jaghti is-segwenti definizzjoni tal-vjolenza kontra in-nisa:*

> ***""vjolenza fuq in-nisa" hija mifhuma bhala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u ghandha tfisser kull att ta' vjolenza abbazi tas-sess li tirrizulta, jew li aktarx tirrizulta fi hsara fizika, sesswali, psikologika jew ekonomika jew tbatija ghan-nisa, inkluz theddid ta' atti bhal dawn, sfurzar jew cahda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk issir fil-pubbliku kif ukoll fil-hajja privata."***

*Illi fost ir-reati l-godda mahluqa wara r-ratifikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni hemm dawk imhaddna fl-artikolu 251A(1)(c)(d) u (e) tal-Kodici Kriminali li jitkellmu dwar il-hsara ta' natura sesswali perpetrata fuq il-vittma mill-awtur tar-reat. Illi minn qari tad-dicitura ta' dawn ir-reati l-godda, huwa evidenti li l-att vjolattiv tal-ligi ma ghadux dak ta' imgieba devjanti mifruxa fuq iktar minn okkazjoni wahda, izda jirrizulta ukoll meta ikun hemm att wiehed li jaqa' fid-definizzjoni ta' dawn is-sub-incizi godda ghall-*

*artikolu 251A. B'mod specifiku is-sub-inciz (1)(e) li jikkontempla ir-reat addebitat lill-appellat jitkellem fuq "**att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali**", b'distinzjoni cara bejn il-kelma "att" u "imgieba", bir-reat allura jissussisti anke meta ikun hemm att vjolattiv wiehed. Illi anke t-test Ingliz ghall-ligi ma jirrendiex lill-awtur tar-reat hati biss meta "(he) pursues a course of conduct" izda meta "(he) subjects another person to **any act** and, or conduct with sexual connotations", b'distinzjoni hawnhekk ukoll bejn il-kelma "act" u "conduct".*

*Illi l-artikolu 40 tal-Konvenzjoni fil-fatt, meta jitkellem fuq il-fastidju sesswali, jimponi is-segwenti obbligu fuq il-firmatarji għat-Trattat:*

> ***"Il-Partijiet ghandhom jiehdu l-mizuri legizlattivi jew mizuri ohrajn necessarji sabiex jizguraw li kwalunkwe forma ta' mgiba verbali, mhux verbali jew fizika mhux mixtieqa ta' natura sesswali bil-ghan jew bl-effett li jmur kontra d-dinjita` ta' persuna, b'mod partikolari meta jinholoq ambjent intimidanti, ostili, degredanti,***

***umiljanti jew offensiv, tkun soggetta ghal sanzjoni kriminali jew sanzjoni legali ohra."***

*Issa l-Ewwel Qorti gustament waslet ghal konkluzjoni li l-imgieba tal-appellat kienet wahda b'konnotazzjonijiet sesswali, li ma kenitx mixtieqa u "**indubbjament wiehed ta' intimidazzjoni, degradanti u offensiv lejn il-vittma."** Illi allura abbazi ta' dawn il-konkluzjonijiet probatorji, l-Ewwel Qorti kellha tghaddi sabiex issib il-htija fl-appellat ghar-reat lilu addebitat billi l-elementi ta' dan ir-reat jikkonsistu mhux biss f'dik l-imgieba jew dik il-course of conduct mehtiega biex jissussistu ir-reati imfassla fis-sub-incizi (1)(a) u (b) ta' l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, izda ukoll f'dak l-att wiehed u uniku li jkollu konnotazzjonijiet sesswali "**inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, ..... fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolemnt jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha."***

*Illi allura l-Qorti ma tistax taqbel mal-interpretazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti tar-reat addebitat lill-appellat u tqies illi mill-evidenza ikkumpilata fl-atti huwa indubitat illi l-appellat huwa hati kif mixli."*

Illi ghalhekk tenut kont ta' dan kollu kif ukoll il-fatti tal-kaz, din il-Qorti sejra ssib htija fuq it-tieni (2) akkuza kif dedotta kontra l-imputat stante li jregu d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 251A (1)(c) u (e).

## Ikkunsidrat

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-aggravju kif sancit mill-Artikolu 202 (g) tal-Kodici Kriminali:

*"Il-piena stabbilita ghad-delitti msemmijin fl-artikoli ta'qabel ta' dan is-Sub-titolu, tizdied bi grad sa zewg gradi fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin:*

*(g) meta d-delitt isir fuq persuna li tkun minuri;"*

Illi a rigward ta' x'jikkostitwixxi bhala minuri referenza qieghda ssir ghal dak indikat fl-Artikolu 157 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dak li ghandu x'jaqsam bhala tifsira ghal perunsa minorenni:

> *"Hija taht l-età persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor li tkun ghad ma ghalqetx tmintax-il sena."*

Ghalhekk il-Qorti tqis li tali aggravju ghandu jigi applikat f'dak li ghandu x'jaqsam il-piena ta' din is-sentenza.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi l-Qorti sejra tqis li dak li gie konkluz mill-Ufficjal tal-Probation Marilyn Formosa a fol. 265 tal-atti processwali fejn inghad hekk:

> *"Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport deher car li certi aspetti tal-hajja ta' -Omissis- huma pjuttost stabbli, fejn huwa ghandu r-rutina tieghu, ix-xoghol, is-sapport tal-familja tieghu u anke diversi interessi li jimlewlu l-hajja*

*tieghu b'mod pozittiv. Madanakollu, jidher li huwa ghandu bzonn jahdem fuq l-uzu tal-kokoaina, liema uzu ilu ghaddej snin u qatt ma gie indirizzat b'mod sew."*

Illi meta wiehed iqis ir-rapport tal-istess Ufficjal tal-Probation kif ikkorroborat ma' dak li xehdet il-vittma minuri huwa ovvju ghal din il-Qorti li d-dipendenza tas-sustanza tal-kokaina hija wahda problematika ghall-akkuzat. Ghalhekk il-Qorti sejra tqis il-konkluzjoni tar-rapport immarkat bhala Dok. MF1 fil-piena taghha. Illi l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni in-natura tal-atti subiti mill-vittma minuri u sabiex jinholoq bilanc bejn l-atti u l-piena stabbilita ghal tali reati kif aggravati, ser tkun qed tigi applikata l-piena minima.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 202 (g), 207 u 251A (1)(c)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **-Omissis-** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal zmien erba' (4) snin prigunerija effettivi kif

ukoll tpoggih taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

In oltrè, u a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi fuq l-imputat **-Omissis-** ghal Ordni ta' Trazzin a favur il-parte civile ghal zmien tliet (3) snin u liema ordni ghandha tifforma part integrali minn din is-sentenza.

In oltre, u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat **-Omissis-** jitpogga fir-Registru mwaqqaf a bazi ta' dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati ghall-annotazzjoni necessarji.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**